PARLAMENT EWROPEW 2009 - 2014

*Kumitat għall-Petizzjonijiet*

12.7.2010

# AVVIŻ LILL-MEMBRI

Suġġett: Petizzjoni 0481/1998, imressqa mis-sur Heinz Huber, ta’ nazzjonalità Awstrijaka, dwar il-ħażna tad-dejta rigward iċ-ċittadini tal-UE mill-awtoritajiet Ġermaniżi responsabbli għar-reġistrazzjoni tal-barranin

## 1. Sommarju tal-petizzjoni

Il-petizzjonant, residenti fir-Repubblika Federali tal-Ġermanja mill-1971, isostni li numru ta’ dispożizzjonijiet legali Ġermaniżi li għandhom x’jaqsmu mar-residenti barranin u l-protezzjoni tad-dejta jiksru l-liġi Komunitarja, b’mod partikulari d-Direttiva 95/46/KE ta’ Ottubru 1995 rigward il-protezzjoni tad-dejta. Huwa jqis il-ħażna tad-dejta rigward iċ-ċittadini tal-UE mill-awtoritajiet Ġermaniżi bħala ksur tad-dritt għall-awtodeterminazzjoni rigward id-dejta personali, peress li tikkostitwixxi forma ta’ diskriminazzjoni mqabbla mat-trattament taċ-ċittadini Ġermaniżi.

## 2. Ammissibilità

Iddikjarata ammissibbli fit-2 ta’ Ottubru 1998. Il-Kummissjoni ġiet mistiedna biex tagħti informazzjoni skont l-Artikolu 192(4) tar-Regoli ta' Proċedura.

## 3. **Risposta interim tal-Kummissjoni**, li waslet fit-13 ta’ Awissu 1999.

Id-dipartimenti rilevanti tal-Kummissjoni bħalissa qegħdin jaħdmu fuq rispons għas-suġġetti mqajma fil-petizzjoni msemmija hawn fuq.

Peress li dawn is-suġġetti għandhom x’jaqsmu mhux biss mal-konformità mad-Direttiva 95/46/KE dwar il-protezzjoni ta’ individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta’ dejta personali u dwar il-moviment liberu ta’ dik id-dejta, imma wkoll mal-konformità mad-Direttivi dwar il-moviment liberu tal-persuni, id-dipartimenti differenti tal-Kummissjoni li għandhom



*Magħquda fid-diversità*

x'jaqsmu qed ikollhom iwettqu analiżi fil-fond tar-regoli u l-proċeduri rispettivi.

Il-Kummissjoni hija tal-fehma li għandha twieġeb għall-petizzjonijiet miċ-ċittadini tal-UE fi żmien raġonevoli, biex tissodisfa l-ħtieġa tagħhom għall-informazzjoni u l-appoġġ. Dawn il-kwistjonijiet għaldaqstant jingħataw l-ikbar prijorità. Rigward l-ilment tas-Sur Huber, il-Kummissjoni jissogħbiha li l-kumplessità tas-suġġett u l-ħtieġa li s-suġġett jitqies bil-galbu żammha milli twieġeb qabel. Madankollu, il-Kummissjoni se tipprova tipprovdi rispons issostanzjat kif jixraq malajr kemm jista' jkun.

4. **Aktar informazzjoni mill-Kummissjoni**, li waslet fil-21 ta' Ġunju 1999.

1. Il-fatti

Is-Sur Huber, ċittadin Awstrijak li ilu joqgħod f'Singen, fil-Land ta' Baden-Württemberg, fil-Ġermanja, mill-1971 u li kellu permess tar-residenza mingħajr limitazzjoni (unbefristete Aufenthaltserlaubnis) mis-26 ta' Jannar 1995, jilmenta dwar żewġ inċidenti li jinvolvu lill-awtoritajiet Ġermaniżi.

L-ewwel, fis-26 ta' April 1997 id-dipartiment muniċipali responsabbli għar-reġistrazzjoni tar-residenti barranin talbuh jipprovdi passaport validu, għalih innifsu u għal bintu taħt l-età (il-passaport tiegħu kien skada fid-9 ta' April 1997). Huwa kien infurmat li jekk ma jagħmilx hekk, huwa jista' jintlaqat minn miżura punittiva, bħat-tkeċċija, skont il-leġiżlazzjoni li għandha x'taqsam mal-barranin.

It-tieni, meta s-Sur Huber issottometta l-passaport ġdid tiegħu, li kien jinkludi fih lil bintu, lid-dipartiment tar-residenti barranin fis-7 ta' Mejju 1997, l-uffiċjal żamm fotokopja tal-ewwel żewġ paġni waqt li qallu li kopja tal-passaport trid tkun iffajljata fir-reġistru tal-barranin. Is-Sur Huber iqis dan bħala ksur tal-liġi Komunitarja, b'mod partikulari tad-Direttivi dwar il-moviment liberu tal-persuni u d-Direttiva 95/46/KE dwar il-protezzjoni tad-dejta personali, biex ma nsemmux il-prinċipju li ma ssirx diskriminazzjoni fuq il-bażi tan-nazzjonalità.

2. Aspetti legali

2.1 Id-Direttivi dwar il-moviment liberu tal-persuni

Id-Direttivi differenti li għandhom x'jaqsmu mad-dritt tar-residenza[1] jistipulaw li ċittadin ta' Stat Membru li jixtieq jgħix fi Stat Membru ieħor għal aktar minn tliet xhur irid japplika għal permess tar-residenza. Biex jikseb dan il-permess, il-persuna msemmija trid tipprovdi, fost affarijiet oħra, dokument tal-identità validu (karta tal-identità jew passaport).

Rigward l-impatt li jista' jkollha l-iskadenza tad-dokument tal-identità fuq ir-residenza, l-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 64/221[2] jistqarr li: 'L-iskadenza tal-karta tal-identità jew tal-

[1] Fost affarijiet oħra, id-Direttiva 68/360 dwar id-dritt ta' residenza għall-ħaddiema, ĠU L 257 19.10.1968,

[2] Id-Direttiva tal-Kunsill 64/221/KEE tal-25 ta' Frar 1964 dwar il-koordinazzjoni ta' miżuri speċjali rigward il-moviment u r-residenza ta' ċittadini barranin li huma ġġustifikati għal raġunijiet ta' politika pubblika, sigurtà pubblika jew saħħa pubblika, ĠU L 56, 4.4.1964.

passaport użat mill-persuna kkonċernata sabiex tidħol fil-pajjiż ospiti u biex takkwista permess ta' residenza m'għandhomx jiġġustifikaw it-tkeċċija mit-territorju'.

L-istqarrija mid-dipartiment tar-residenti barranin ta' Singen li l-petizzjonant jista' jintlaqat minn tkeċċija jekk ma jipprovdix passaport validu hija għaldaqstant kontra d-dispożizzjoni msemmija qabel.

Is-suġġett tal-pieni li jistgħu jkunu applikati jekk jinkiser ir-rekwiżit li wieħed ikollu dokument tal-identità validu tressaq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja rigward il-proċeduri għal meta wieħed jonqos milli jissodisfa obbligu. Fis-sentenza tat-30 ta' April 1998[1], il-Qorti ddecidiet li 'meta tittratta ċittadini ta' Stati Membri oħra li joqogħdu fil-Ġermanja differenti b'mod sproporzjonat, rigward il-grad tal-ħtija u l-iskala tal-multi, minn ċittadini Ġermaniżi li jwettqu ksur bħal dan tal-obbligu li jkollhom dokument tal-identità validu, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja tkun qiegħda tonqos milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikoli 48, 52 u 59 tat-Trattat li jistabbilixxi l-KE…'

Hu x'inhu s-suġġett speċifiku tal-pieni msemmija fuq, il-Kummissjoni diġà rċeviet ilment dwar il-prattika tal-awtoritajiet lokali Ġermaniżi li jiċċekkjaw il-validità tad-dokument tal-identità nazzjonali ta' ċittadin tal-UE, mingħajr ma dan ikun iġġustifikat mill-ħruġ jew it-tiġdid tal-permess tar-residenza jew mill-bdil tar-residenza. L-awtoritajiet Ġermaniżi ntalbu jfornu aktar informazzjoni dwar din il-prattika. Fid-dawl tat-tweġiba tagħhom, id-dipartimenti kkonċernati tal-Kummissjoni se jiddeċiedu jekk jipproponux jew le l-bidu ta' proċeduri ta' ksur tal-liġi.

2.2 Id-Direttiva dwar il-protezzjoni tad-dejta personali

Il-ġbir tad-data personali li saret referenza għalih mis-Sur Huber seħħ fis-7 ta' Mejju 1997, jiġifieri qabel id-dħul fis-seħħ fil-25 ta' Ottubru 1998 tad-Direttiva 95/46/KE dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data[2].

Madankollu, id-dejta personali tas-Sur Huber kienet trasmessa, irreġistrata u maħżuna fir-reġistru ċentrali tal-barranin (Ausländerzentralregistergesetz) u wieħed jassumi li għadhom hemm. Peress li l-Ġermanja għadha ma wettqitx it-traspożizzjoni tad-Direttiva (li daħlet fis-seħħ fil-25 ta' Ottubru 1998) fil-liġi nazzjonali, il-proċeduri ta' ksur tal-liġi nbdew għall-ksur tal-Artikolu 32(4) tad-Direttiva 95/46/KE, li jesiġi li l-Istati Membri jikkomunikaw lill-Kummissjoni d-dispożizzjonijiet tal-liġi domestika li huma adottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva. Għaldaqstant, hemm bażi biex wieħed iqis sa fejn l-avvenimenti li ssemmew jikkonformaw mad-Direttiva 95/46/KE kif trasposta, fil-ġejjieni, fil-liġi domestika.

Skont l-Artikolu 3 tad-Direttiva msemmija, id-Direttiva ma tapplikax għall-ipproċessar tad-dejta personali matul attività li taqa' barra l-qasam ta' applikazzjoni tal-liġi Komunitarja. Peress li l-ipproċessar tad-dejta kkritikat f'dan il-każ jaqa' fi ħdan il-qasam ta' applikazzjoni tad-Direttivi differenti rigward id-dritt tar-residenza (ara l-footnote 1), flimkien mad-Direttiva

---

1 Każ C-24/97, Il-Kummissjoni v il-Ġermanja.
2 Id-Direttiva 95/46/KE tal-24 ta' Ottubru 1995, ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31.

64/221/KEE dwar il-miżuri speċjali rigward il-moviment u r-residenza ta' ċittadini barranin li huma ġġustifikati għal raġunijiet ta' politika pubblika, sigurtà pubblika jew saħħa pubblika, id-Direttiva 95/46/KE dwar il-protezzjoni tad-dejta personali tapplika tabilħaqq.

L-Artikolu 6(b) tad-Direttiva 95/46/KE jistipula li d-dejta personali trid tinġabar għal għanijiet speċifiċi, espliċiti u leġittimi u li ma tkunx ipproċessata aktar minn hekk b'mod li ma jkunx kompatibbli ma' dawk l-għanijiet. F'konformità mal-Artikolu 7(e), id-dejta personali tista' tkun ipproċessata mingħajr il-kunsens tal-persuna kkonċernata biss jekk, fost affarijiet oħra, l-ipproċessar huwa 'meħtieġ biex issir ħidma fl-interess pubbliku jew fl-eżerċizzju ta' awtorità pubblika vestita fil-kontrollur jew f'parti terza li lilha jkun żvelat id-data'.

Fil-każ imsemmi, il-liġi dwar ir-reġistru tal-barranin (Ausländerzentralregistergesetz) tistqarr li l-għan tar-reġistru huwa li jagħti appoġġ lill-awtoritajiet kompetenti fit-twettiq ta' miżuri li jikkonċernaw il-leġiżlazzjoni li għandha x'taqsam mal-barranin jew dawk li jfittxu kenn. Id-dipartiment għar-reġistrazzjoni tar-residenti barranin f'Singen huwa meħtieġ jibgħat id-dejta biex tkun inkluża f'dan ir-reġistru.

Skont il-liġi Ġermaniża, l-awtoritajiet pubbliċi Ġermaniżi kollha għandhom aċċess għal ċerta dejta 'bażika', bħal ma huma l-kunjom, l-isem, id-data tat-twelid, il-post tat-twelid, is-sess, in-nazzjonalità, il-kunjom ta' qabel, il-laqmijiet, l-istejtus taż-żwieġ, eċċ. L-awtoritajiet responsabbli għal ċerti oqsma (ngħidu aħna l-barranin, il-kenn, il-pulizija, il-prosekuturi pubbliċi, il-qrati, l-aġenzija nazzjonali tal-impjiegi, id-dipartiment tan-nazzjonalità, is-servizzi sigrieti, il-kontro-spjunaġġ militari, il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin, l-ambaxxati u awtoritajiet pubbliċi oħra li għandhom x'jaqsmu mal-viżi) jistgħu wkoll jiksbu aċċess għal dejta addizzjonali. Barra minn hekk, il-liġi tipprovdi għall-aċċess minn korpi u awtoritajiet privati minn pajjiżi terzi. Jista' jingħata wkoll permess għal aċċess dirett minn fuq l-Internet. Xi awtoritajiet jingħataw permess jibagħtu avviżi ta' tfittxijiet speċifiċi rigward il-barranin li l-post tar-residenza tagħhom, għal diversi raġunijiet, mhuwiex magħruf ('Suchvermerke'); huma jistgħu jitolbu wkoll għal 'informazzjoni dwar gruppi ta' nies' ('Gruppenauskunft', 'Rasterfahndung').

Il-liġi ma tagħmel l-ebda distinzjoni bejn iċ-ċittadini tal-Istati Membri tal-UE u barranin oħra. Id-dejta fuq iċ-ċittadini Ġermaniżi ma titpoġġiex f'reġistru ċentrali simili.

Mhuwiex ċar għaliex id-dejta personali tas-Sur Huber u bintu għandhom bżonn ikunu maħżuna f'dan ir-reġistru. L-ewwelnett, l-għanijiet mistqarra tar-reġistru ma jippermettux li jkunu ddeterminati r-raġunijiet eżatti għalfejn tinżamm din id-dejta fir-reġistru. Barra minn hekk, jidher li huwa diffiċli tiġġustifika għaliex l-aċċess għad-dejta bażika tingħata mhux biss lill-awtoritajiet responsabbli għall-implimentazzjoni tad-Direttivi Komunitarji dwar il-libertà tal-moviment u d-dritt għar-residenza, speċjalment id-Direttiva 64/221/KEE msemmija qabel, imma anki lill-awtoritajiet Ġermaniżi kollha u anki lil xi pajjiżi terzi, biex ma nsemmux il-korpi privati, u għaliex xi awtoritajiet għandhom aċċess għal dejta addizzjonali.

F'konformità mad-dritt għal-libertà tal-moviment u r-residenza, kif minquxin fit-Trattat, fid-Direttivi Komunitarji u fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, ċittadin ta' Stat Membru – mhux bħal barranin oħra – f'ħafna affarijiet igawdi mill-istess dritt tar-residenza bħal ċittadin tal-pajjiż li jilqgħu. Irid ikun enfasizzat, madankollu, li l-permessi tar-residenza għandhom

biss effett dikjarattiv u mhumiex komponent essenzjali tad-dritt tar-residenza. Anki meta l-arranġamenti għall-immaniġġjar ta' dan id-dritt jippermetti li l-pajjiż li jilqgħu jieħu ċerti miżuri biex jassigura li jkunu ssodisfati l-kundizzjonijiet biex wieħed ikun intitolat għad-dritt tar-residenza, jew biex ikun imħares l-interess pubbliku fi ħdan il-limiti stabbiliti mid-Direttiva 64/221/KEE, l-effikaċja, il-bżonn u l-proporzjonalità tal-metodu magħżul mill-Ġermanja jistgħu jqajmu dubji.

Il-ħażna tad-dejta dwar is-Sur Huber u bintu fir-reġistru tal-barranin tpoġġihom f'qagħda li jitwettaq monitoraġġ permanenti fuqhom b'mod li bħalu ma jsirx fuq iċ-ċittadini Ġermaniżi.

L-ipproċessar tad-dejta personali tas-Sur Huber u bintu għaldaqstant jidher li jmur lilhinn mill-miżuri li huma awtorizzati għall-implimentazzjoni tad-dritt tar-residenza jew għas-salvagwardja tal-interess pubbliku, u għandu għaldaqstant jitqies bħala mhux meħtieġ, skont l-Artikolu 7(e) tad-Direttiva 95/46/KE.

Madankollu, qabel tittieħed deċiżjoni finali, trid titqies kull spjegazzjoni mill-awtoritajiet Ġermaniżi.

3. Konklużjonijiet

(a) Rigward ***id-direttivi dwar id-dritt ta' residenza***, l-istqarrija tad-dipartiment tar-residenti barranin ta' Singen lill-petizzjonant li jista' jintlaqat minn tkeċċija jekk ma jipprovdix passaport validu hija kontra d-dispożizzjoni tad-Direttiva 64/221/KEE msemmija hawn fuq. Il-Kummissjoni se tkompli teżamina l-prattika tal-awtoritajiet Ġermaniżi li jeżaminaw il-validità tad-dokument tal-identità nazzjonali taċ-ċittadini tal-UE meta dan mhux iġġustifikat mill-ħruġ jew it-tiġdid tal-permess tar-residenza jew minn tibdil fir-residenza.

(b) Rigward il-konformità **mad-Direttiva dwar il-protezzjoni tad-dejta personali**, il-petizzjonant qabel ma' proposta tal-Kummissjoni li jirreferi l-każ tiegħu lill-uffiċjal Ġermaniż responsabbli għall-protezzjoni tad-dejta personali[1]. Jekk il-Kumitat għall-Petizzjonijiet jaqbel ma' din il-proposta, il-Kummissjoni se tmexxi 'l quddiem din ir-referenza.

**5. Risposta interim tal-Kummissjoni**, li waslet fit-22 ta' Frar 2000.

Il-Parlament bagħat il-petizzjoni u l-pożizzjoni tal-Kummissjoni lill-awtoritajiet Ġermaniżi sabiex ikunu jistgħu jwieġbu dwar is-suġġetti mqajma.

Sal-lum, il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda risposta mill-awtoritajiet Ġermaniżi. Malli jaslu l-fehmiet tagħhom, il-Kummissjoni se tqishom u se tagħti lill-Parlament l-opinjoni finali tagħha dwar il-petizzjoni tas-Sur Huber.

**6. Komunikazzjoni kumplimentari tal-Kummissjoni**, irċevuta fl-20 ta' Frar 2001.

1. Il-fatti

Is-Sur Huber, ċittadin Awstrijak li ilu joqgħod f'Singen (fil-Land ta' Baden-Württemberg) fil-Ġermanja mill-1971 u li kellu permess tar-residenza mingħajr limitazzjoni (unbefristete

[1] Der Bundesbeauftragte für den Datenschutz, Postfach 200112, D-53131 Bonn.

Aufenthaltserlaubnis) mis-26 ta' Jannar 1995, jilmenta dwar żewġ inċidenti li jinvolvu lill-awtoritajiet Ġermaniżi.

L-ewwel, fis-26 ta' April 1997, id-dipartiment muniċipali responsabbli għar-reġistrazzjoni taċ-ċittadini barranin talbuh jipprovdi passaport validu, għalih innifsu u għal bintu taħt l-età (il-passaport tiegħu kien skada fid-9 ta' April 1997). Huwa kien infurmat li jekk ma jagħmilx hekk, huwa jista' jintlaqat minn miżuri punittivi, bħat-tkeċċija, skont il-leġiżlazzjoni li għandha x'taqsam mal-barranin.

It-tieni, meta s-Sur Huber issottometta l-passaport ġdid tiegħu, li kien jinkludi fih lil bintu, lid-dipartiment tar-residenti barranin fis-7 ta' Mejju 1997, l-uffiċjal żamm fotokopja tal-ewwel żewġ paġni waqt li qallu li kopja tal-passaport trid tkun iffajljata fir-reġistru tal-barranin. ('Ausländerzentralregister' maħluq mir-Reġistrazzjoni dwar l-Atti Nazzjonali Barranin).

Is-Sur Huber iqis dan bħala ksur tal-liġi Komunitarja, b'mod partikulari tad-Direttivi dwar il-moviment liberu tal-persuni u d-Direttiva 95/46/KE dwar il-protezzjoni tad-dejta personali, biex ma nsemmux il-prinċipju li ma ssirx diskriminazzjoni fuq il-bażi tan-nazzjonalità.

2. Il-Proċedura

Wara r-rakkomandazzjoni magħmula mill-Kummissjoni u l-analiżi tagħha tas-sitwazzjoni, il-Parlament Ewropew bagħat permezz ta' ittra fit-22 ta' Diċembru 1999 (-309160-) u permezz ta' ittra fit-13 ta' April 2000 (-109046-) kopji tal-petizzjoni tas-Sur Huber u l-komunikazzjoni mill-Kumitat għall-Petizzjonijiet lill-uffiċjal responsabbli għall-protezzjoni tad-dejta personali (Bundesbeauftragter für den Datenschutz).

Huwa kien mistoqsi dwar jekk kienx meħtieġ li d-dejta personali tal-petizzjonant tiddaħħal fir-reġistru ċentrali taċ-ċittadini barranin. Huwa wieġeb b'ittra fl-20 ta' Settembru 2000.

Sadanittant, il-petizzjonant bagħat aktar informazzjoni, inkluża kopja tad-dejta personali tiegħu li ddaħħlet fir-reġistru ċentrali taċ-ċittadini barranin u t-talba tiegħu lill-awtorità li tamministra r-reġistru biex tneħħihom minn hemm. L-applikazzjoni tiegħu ġiet irrifjutata, flimkien mal-appell amministrattiv tiegħu li sar wara. Il-petizzjonant issa rreġistra lment mal-qorti amministrattiva kontra l-awtorità li ma riditx tneħħi d-dejta tiegħu mir-reġistru.

3. Aspetti legali

3.1. Id-Direttiva dwar il-protezzjoni tad-dejta personali

L-uffiċjal Ġermaniż responsabbli għall-protezzjoni tad-dejta personali bagħat risposta għall-mistoqsija ġenerali rigward il-ħtieġa li tiddaħħal id-dejta personali taċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea fir-reġistru ċentrali taċ-ċittadini barranin. Huwa ma tax deċiżjoni fuq il-każ partikulari tal-petizzjonant peress li ma kellux informazzjoni biżżejjed. Madankollu, huwa kien ikkonsulta mal-Ministeru Federali tal-Intern li kien tal-fehma li huwa meħtieġ li l-Att dwar ir-Reġistrazzjoni taċ-Ċittadini Barranin isir konformi mad-Direttiva 95/46/KE meta din tal-aħħar kienet trasposta fil-liġi nazzjonali. Fl-istess ħin il-Ministeru ma jqisx li d-dħul tad-dejta personali taċ-ċittadini Ewropej fir-reġistru ċentrali taċ-ċittadini barranin

huwa ksur tal-liġi Komunitarja. L-uffiċjal federali responsabbli għall-protezzjoni tad-dejta kien inqas kategoriku, billi għamel distinzjoni bejn il-vantaġġi prattiċi fuq naħa waħda u l-ħtieġa legali stretta fuq in-naħa l-oħra ta' dawn il-proċeduri tar-reġistrazzjoni.

Huwa jindika li r-residenti kollha fil-Ġermanja huma rreġistrati f'reġistri lokali ('Melderegister') organizzati fuq bażi ddeċentralizzata u li fihom ċertu kategorija ta' dejta. Ir-reġistru taċ-ċittadini barranin min-naħa l-oħra, li huwa organizzat fuq bażi ċentrali, fih, b'żieda ma' din id-dejta, informazzjoni aktar speċifika b'mod partikulari rigward l-istejtus tar-resident barranin. Rigward iċ-ċittadini Ewropej, ir-reġistru ċentrali taċ-ċittadini barranin biss (f'kuntrast mar-reġistri lokali) fih informazzjoni rigward il-kundizzjonijiet tar-residenza tagħhom jew miżuri dwar id-deportazzjoni jew it-tkeċċija ('Ausweisung und Abschiebung'). Barra minn hekk, ir-reġistru fih informazzjoni rigward is-sitwazzjoni taċ-ċittadini barranin b'mod ġenerali imma ma tista' qatt jew tista' biss f'każijiet eċċezzjonali tirrelata maċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea, minħabba l-istejtus preferenzjali tagħhom.

Huwa jargumenta li l-liġi Komunitarja ma teħtieġx li Stat Membru jagħti liċ-ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea ugwaljanza sħiħa, ngħidu aħna, maċ-ċittadini Ġermaniżi. Iċ-ċittadini Ewropej jistgħu għaldaqstant jiddaħħlu fir-reġistru jekk ikun hemm il-ħtieġa legali bil-kontra ta' ħtieġa purament prattika jew għall-awtoritajiet pubbliċi jew għaċ-ċittadini nfushom. Id-Direttiva 95/46/KE tesiġi ġustifikazzjoni leġittima għall-ipproċessar tad-dejta personali. L-Artikolu 7(e) jindika li l-ipproċessar jista' jitwettaq b'mod leġittimu jekk ikun meħtieġ għat-twettiq tal-ħidma fl-interess pubbliku. Huwa jagħmel distinzjoni bejn il-każijiet li ġejjin:

- Jekk id-dejta bażika hija l-istess bħal dik fir-reġistri lokali tar-residenti (l-Artikolu 3(4) u (5) tal-Att dwar ir-Reġistrazzjoni taċ-Ċittadini Barranin), m'hemmx ħtieġa legali biex din terġa' tiddaħħal ukoll fir-reġistru ċentrali taċ-ċittadini barranin (minkejja l-vantaġġi prattiċi li jkun hemm aċċess għaliha minn madwar il-Ġermanja għal għanijiet amministrattivi li ma jeżistux fir-rigward taċ-ċittadini Ġermaniżi).

- Jekk l-informazzjoni tirreferi għall-kundizzjonijiet tar-residenza ta' individwu (l-Artikolu 3(6) tal-Att dwar ir-Reġistrazzjoni taċ-Ċittadini Barranin), jiġifieri ngħidu aħna jekk ikun inħareġ permess tar-residenza b'limitazzjonijiet jew mingħajr limitazzjonijiet, dan jista' f'ċerti sitwazzjonijiet, fejn meħtieġ, jiġi vverifikat minn awtorità Ġermaniża waħda jew aktar minn waħda. Madankollu, huwa possibbli għall-individwi nfushom li jagħtu prova li huma residenti b'mod legali u d-dħul f'reġistru ċentrali għaldaqstant ma jkunx essenzjali u ma jkunx meħtieġ li din l-informazzjoni tkun disponibbli b'mod permanenti madwar ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja.

- Deċiżjoni li tordna t-tkeċċija mill-Ġermanja (l-Artikolu 3(7) u l-Artikolu 2(3) tal-Att dwar ir-Reġistrazzjoni taċ-Ċittadini Barranin) ta' ċittadin minn Stat Membru ieħor tista' tiġġustifika d-dħul f'reġistru ċentrali ta' ċittadini barranin. Madankollu, jekk miżuri bħal dawn ma jkunux ittieħdu rigward l-individwu kkonċernat, id-dejta personali li għandha x'taqsam miegħu m'għandhiex tiddaħħal fir-reġistru ċentrali ta' ċittadini barranin.

- Fl-aħħar, rigward l-informazzjoni li għandha x'taqsam mas-sitwazzjoni taċ-ċittadini barranin b'mod ġenerali (skont id-dispożizzjonijiet li baqa' tal-Artikolu 3 tal-Att dwar

ir-Reġistrazzjoni taċ-Ċittadini Barranin), li bi prinċipju hija differenti mis-sitwazzjoni taċ-ċittadini Ewropej li li jgawdu minn stejtus preferenzjali, informazzjoni bħal din m'għandhiex bi prinċipju tiddaħħal f'reġistru jekk għandha x'taqsam ma' ċittadini Ewropej. F'dan il-każ, dejta personali għaldaqstant m'għandhiex tiddaħħal fir-reġistru.

Wara li stabbilixxa b'dan il-mod li r-reġistrazzjoni tista' tkun iġġustifikata biss b'deċiżjonijiet rigward deportazzjoni 'aufenthaltsrechtliche Entscheidungen' jew 'Ausweisungs und Abschiebungsverfügungen', l-uffiċjal federali responsabbli għall-protezzjoni tad-dejta personali jikkonkludi li, rigward iċ-ċittadini Ewropej li huma intitolati għal-libertà tal-moviment, ikun sproporzjonat li tiddaħħal id-dejta 'bażika', id-dejta personali supplimentari u d-dejta li għandha x'taqsam mal-kundizzjonijiet tar-residenza f'reġistru ċentrali taċ-ċittadini barranin. Huwa tal-fehma li dawk iċ-ċittadini tal-Istati Membri l-oħra li fir-rigward tagħhom ikunu nħarġu ordnijiet ta' deportazzjoni biss ('aufenthaltsrechtliche Entscheidungen'), jeħtieġ jiddaħħlu f'dan ir-reġistru.

Għaldaqstant, reġistrazzjoni sistematika taċ-ċittadini Ewropej kollha m'għandhiex titwettaq.

Il-Kummissjoni taqbel mal-fehma mressqa 'l quddiem mill-uffiċjal federali responsabbli għall-protezzjoni tad-dejta personali. Peress li ma ttieħdet l-ebda azzjoni biex il-petizzjonant ikun iddeportat jew issirlu xi azzjoni simili (ara l-estratti tas-17 ta' Lulju 2000 li jikkonċernawh meħuda mir-reġistru ċentrali taċ-ċittadini barranin), il-Kummissjoni tikkonkludi li m'hemmx ġustifikazzjoni għal dħul dwaru fir-reġistru ċentrali taċ-ċittadini barranin.

L-ipproċessar tad-dejta personali tas-Sur Huber u bintu għaldaqstant imur lilhinn mill-miżuri awtorizzati bil-għan li jkun stabbilit id-dritt tar-residenza jew biex ikunu ssalvagwardati l-interessi pubbliċi u għandu jitqies bħala mhux meħtieġ skont l-Artikolu 7(e) tad-Direttiva 95/46/KE.

3.2. Direttivi dwar il-libertà tal-moviment tal-persuna

Kif indikat fil-komunikazzjoni ta' qabel, il-Kummissjoni għamlet kuntatt mal-awtoritajiet Ġermaniżi wara lment ieħor rigward il-prattika tal-awtoritajiet lokali Ġermaniżi li jinvestigaw il-validità tad-dokumenti tal-identità nazzjonali li jkollhom iċ-ċittadini tal-Unjoni mingħajr ma din hija ġġustifikata mill-ħtieġa li jinħarġu jew jiġġeddu l-permessi tar-residenza. Wara dan l-iskambju ta' ittri, il-Ministru tal-Intern tar-Rhineland-Palatinate, il-Land li fih kienet residenti l-persuna l-oħra li ressqet ilment, bagħat ċirkulari fl-14 ta' Settembru 1998 lill-awtoritajiet responsabbli għaċ-ċittadini barranin fejn tahom istruzzjonijiet biex jieqfu milli jsejħu quddiemhom liċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea bil-għan waħdieni li jipprovdu l-karta tal-identità jew il-passaport kurrenti. Il-Kummissjoni kienet tistenna li dawn l-istruzzjonijiet jinħarġu fil-livell federali, biex ikun assigurat li dawn il-proċeduri amministrattivi mhux awtorizzati ma jitwettqux f'Länder Ġermaniżi oħra.

4. Konklużjonijiet

4.1. Rigward il-qbil **mad-Direttiva 95/46/KE dwar il-protezzjoni tad-dejta**

**personali**, il-Kummissjoni tqis li l-petizzjoni kixfet sitwazzjoni li tmur kontra din id-Direttiva. Hija tirrakkomanda li l-Parlament Ewropew jinforma lill-petizzjonant u, jekk ikun adattat, lill-awtoritajiet rilevanti u lit-tribunal amministrattiv kif ikun jixraq.

Barra minn hekk, dan il-każ se jkun eżaminat b'mod awtomatiku mill-Kummissjoni wara li tkun ġiet ivverifikata t-traspożizzjoni tad-Direttiva. Peress li l-awtoritajiet Ġermaniżi s'issa għadhom ma wettqux it-traspożizzjoni tad-Direttiva 95/46/KE (bl-iskadenza tal-24 ta' Ottubru 1998), il-Kummissjoni rreġistrat ilment mal-Qorti tal-Ġustizzja kontra l-Ġermanja għax naqset milli tinnotifika miżuri nazzjonali għat-traspożizzjoni tad-Direttiva.

4.2. Rigward il-konformità **mad-Direttivi dwar id-dritt ta' residenza**, il-Kummissjoni bħalissa qiegħda tistħarreġ dwar jekk il-prattiki amministrattivi ta' kull wieħed mil-Länder Ġermaniżi rigward il-verifika tad-dokumenti tal-identità li jkollhom iċ-ċittadini tal-Komunità humiex f'konformità mal-liġi Komunitarja.

**7. Komunikazzjoni kumplimentari** tal-Kummissjoni, li waslet fit-13 ta' Diċembru 2001.

Il-Kummissjoni kienet mitluba tagħti l-fehmiet tagħha dwar ittra tal-25 ta' Mejju 2001 mingħand dak il-petizzjonant (li waslet għand id-DĠ tas-Suq Intern fit-18 ta' Lulju 2001), fejn huwa jirreferi għall-problemi marbuta mal-ħarsien tad-drittijiet tiegħu fil-qrati Ġermaniżi.

L-informazzjoni addizzjonali ma tikkonċernax l-interpretazzjoni tad-Direttiva dwar il-protezzjoni tad-dejta personali, imma l-aċċess għall-ġustizzja. B'mod partikulari, il-petizzjonant jikkritika l-fatt li l-prosekutur pubbliku ma jixtieqx imexxi 'l quddiem il-każ tiegħu, għax mhuwiex fl-interess pubbliku. F'dawn iċ-ċirkustanzi, m'hijiex il-Kummissjoni li għandha tgħid għaliex il-prosekutur iddeċieda li jwaqqaf il-kwistjoni.

M'hemmx bżonn li l-Kummissjoni tibdel il-pożizzjoni li kellha sa llum (il-petizzjonant għandu raġun: id-dejta tiegħu m'għandhiex tinżamm fir-reġistru ċentrali Ġermaniż taċ-ċittadini barranin). Il-Kumitat għall-Petizzjonijiet huwa tal-istess fehma.

**8. Komunikazzjoni kumplimentari** tal-Kummissjoni, li waslet fit-3 ta' April 2002.

Il-Kummissjoni ntalbet tagħti l-fehmiet tagħha dwar ittra tas-26 ta' Novembru 2001 mill-petizzjonant lill-Parlament fejn huwa bagħat aktar informazzjoni.

Il-petizzjonant jagħmel dawn it-talbiet

(a) (a) Il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tinvestiga u tippenalizza r-rifjut tal-awtorità Ġermaniża responsabbli għar-reġistru ċentrali tal-barranin li tħassar id-dejta personali li qiegħda żżomm dwar il-petizzjonant.
(b) (b) Il-Kummissjoni għandha tieħu azzjoni biex tħares id-drittijiet fundamentali tal-petizzjonant.
(c) (c) Il-Parlament għandu jieħu azzjoni biex isewwi n-nuqqasijiet fit-traspożizzjoni u l-applikazzjoni tad-Direttiva 95/46/KE dwar il-protezzjoni tad-dejta personali fir-Repubblika Federali tal-Ġermanja.

L-informazzjoni addizzjonali tinkludi stqarrijiet mill-awtorità responsabbli għar-reġistru

ċentrali tal-barranin (Bundesverwaltungsamt) magħmula matul il-proċeduri tar-reviżjoni amministrattiva u ġudizzjarja. L-awtorità tirrifjuta li taċċetta t-talba tal-petizzjonant li titħassar id-dejta personali tiegħu li qiegħda tinżamm f'dan ir-reġistru. L-awtorità ressqet l-argumenti li diġà ntużaw mill-Ministeru Federali Ġermaniż. Għaldaqstant m'hemmx argumenti ġodda fl-ittri mill- Bundesverwaltungsamt. Meta l-Kummissjoni kienet qiegħda tagħti l-fehmiet tagħha dwar il-każ tal-petizzjonant, hija qieset l-argumenti mressqa mill-Bundesverwaltungsamt u ġġudikathom bħala li ma jikkonvinċux.

Fir-rigward ta' (a): il-petizzjonant isostni li l-qorti Ġermaniża qiegħda tirrifjuta li tressaq dan il-każ quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja għal deċiżjoni preliminari. Imma jidher li l-każ għadu ma ntemmx għalissa, u l-petizzjonant huwa liberu li jagħmel talba formali biex il-każ ikun irreferut għal deċiżjoni preliminari f'dan l-istadju jew fl-istadju li jmiss tal-proċeduri.

Fir-rigward ta' (b): m'hemmx ħtieġa li tinbidel il-pożizzjoni li adottat il-Kummissjoni sal-lum f'dan il-każ. Il-petizzjonant jidher li għandu raġun dwar is-sustanza: id-dejta tiegħu m'għandhiex tkun inkluża fir-reġistru ċentrali Ġermaniż għall-barranin. Il-Kummissjoni diġà ħadet il-passi biex tqis b'mod awtomatiku dan il-każ meta teżamina t-traspożizzjoni tad-Direttiva fil-Ġermanja. Il-Kummissjoni ppproponiet ukoll li tintalab opinjoni mill-kummissarju federali responsabbli għall-protezzjoni tad-dejta personali. Din l-opinjoni qablet mal-mod kif qiegħda tipproċedi l-Kummissjoni. Barra minn hekk, wara din it-talba ġdida mill-petizzjonant, il-Kummissjoni għamlet kuntatt mal-uffiċċju federali Ġermaniż għall-protezzjoni tad-dejta, li stqarr li r-rapport annwali tiegħu għall-1999/2000 inkluda kapitolu dwar il-problema enfasizzata mill-każ tal-petizzjonant u li l-kummissarju federali jqis, kif tagħmel il-Kummissjoni, li ċ-ċittadini tal-UE m'għandhomx ikunu inklużi f'dan ir-reġistru, sakemm ma jkunux soġġetti għal ordni ta' tkeċċija li tkun valida skont il-liġi Komunitarja. Barra minn hekk, il-kummissarju federali dalwaqt se jieħu sehem f'laqgħa tal-kumitat għall-affarijiet interni tal-Parlament Ġermaniż fejn se tkun diskussa din il-kwistjoni. L-uffiċċju tal-kummissarju federali Ġermaniż għall-protezzjoni tad-dejta indika wkoll li l-petizzjonant jista' f'kull ħin jerġa' jagħmel kuntatt dirett mill-ġdid ma' din l-istituzzjoni.

Fir-rigward ta' (c): m'hijiex il-Kummissjoni li għandha twieġeb f'isem il-Parlament. Madankollu, il-petizzjonant għandu jkun imfakkar fir-rigward ta' dan l-aspett tat-talba tiegħu, li t-Trattati jagħtu lill-Kummissjoni x-xogħol ta' monitoraġġ tat-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni tad-Direttiva 95/46/KE. Peress li din id-Direttiva tobbliga lill-Istati Membri jagħmlu dispożizzjonijiet għall-appelli u għall-kumpens għall-ħsarat imġarrba minħabba t-trattament illegali, il-Kummissjoni tqis li m'hemmx ħtieġa għal inizjattivi leġiżlattivi addizzjonali fil-livell tal-Kommunità.

Fl-24 ta' Jannar 2002, il-Kummissjoni rċeviet mingħand il-Parlament ittra mir-Rappreżentant Permanenti tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja mibgħuta lill-Parlament fit-12 ta' Settembru 2001, li l-petizzjonant jagħmel referenza għaliha fl-ittra tiegħu tas-26 ta' Novembru 2001. Ir-Rappreżentant Permanenti jistqarr dan li ġej:

(1) (1) ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja wettqet it-traspożizzjoni tad-Direttiva 95/46/KE dwar il-protezzjoni tad-dejta personali;
(2) (2) il-Gvern Federali bħalissa qiegħed iħejji abbozz ta' liġi rigward ir-residenza u l-integrazzjoni minn ċittadini tal-UE u l-barranin. Bħala parti mill-proċess leġiżlattiv, se tingħata kunsiderazzjoni għall-vijabiltà li ma jiddaħħlux iċ-ċittadini tal-UE fir-reġistru ċentrali

tal-barranin.

Rigward (1): il-Kummissjoni kienet bdiet proċeduri kontra l-Ġermanja fil-Qorti tal-Ġustizzja għax il-Ġermanja ma kkomunikatilhiex sal-iskadenza l-miżuri nazzjonali għat-traspożizzjoni tad-Direttiva 95/46/KE. Meta kkomunikat dawn il-miżuri, il-Kummissjoni waqqgħet il-każ tagħha kontra l-Ġermanja. Madankollu, dan ma jżommx lill-Kummissjoni milli tressaq każ ġdid fil-Qorti minħabba traspożizzjoni mhux korretta tad-Direttiva. Il-Kummissjoni bħalissa qiegħda tistħarreġ jekk il-miżuri nazzjonali li kienu kkomunikati humiex f'konformità mad-Direttiva.

Rigward (2): rigward ix-xogħol fuq l-abbozz tal-liġi dwar l-immigrazzjoni, jidher, skont l-informazzjoni mill-kummissarju federali Ġermaniż għall-protezzjoni tad-dejta, li m'hemmx pjanijiet għalissa għal dispożizzjoni li tistqarr li m'hemmx il-ħtieġa li ċ-ċittadini tal-UE jiġu inklużi fir-reġistru ċentrali għall-barranin.

Madankollu, il-Kummissjoni tista' biss tfaħħar it-trasparenza tal-Gvern Federali Ġermaniż rigward din il-problema u tipproponi li tħeġġu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex iċ-ċittadini tal-UE, u b'mod partikolari l-petizzjonant, igawdu d-drittijiet tagħhom rigward ir-residenza u l-protezzjoni tad-dejta personali.

**9. Komunikazzjoni kumplimentari tal-Kummissjoni**, li waslet fit-30 April 2004.

Il-Kummissjoni ntalbet tipprovdi aktar informazzjoni dwar din il-petizzjoni.

1. 1. Il-Kummissjoni tixtieq l-ewwel tikkummenta dwar l-ittra tal-petizzjonant tat-22 ta' Frar 2003, fejn huwa talab li jkun infurmat bil-miktub dwar jekk il-Kummissjoni għandhiex l-intenzjoni li tressaq proċeduri ta' ksur tal-liġi kontra l-Ġermanja rigward dan il-każ, u jekk le, huwa jistqarr li se jressaq ilment kontra l-Kummissjoni quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja għan-nuqqas ta' dan.

Il-Kummissjoni wieġbet lill-petizzjonant fit-18 ta' Marzu 2003, billi infurmatu li l-petizzjoni tiegħu kienet ġiet irreġistrata wkoll mal-Kummissjoni bħala lment (ara d-dettalji taħt 2), u li l-istħarriġ dwar dan l-ilment jista' jwassal għall-proċeduri kontra l-Ġermanja. Madankollu, il-Kummissjoni enfasizzat mal-petizzjonant li, skont il-ġurisprudenza konsistenti tal-Qorti tal-Ġustizzja, trid tkun il-Kummissjoni li tiddeċiedi jekk tibdix proċeduri skont l-Artikolu 226 tat-Trattat tal-KEE u bħala l-aħħar pass ta' dawn il-proċeduri tirreferix il-kwistjoni lill-Qorti tal-Ġustizzja, imma ma kellha l-ebda obbligu li tagħmel dan (ara ngħidu aħna s-sentenza tal-Qorti tat-13 ta' Ġunju 2002 fil-każ C-474/99).

2. 2. Fil-komunikazzjonijiet preċedenti tagħha lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet tal-Parlament, il-Kummissjoni stqarret li se tqis dan il-każ meta teżamina l-implimentazzjoni tad-Direttiva. L-ewwel rapport fuq l-implimentazzjoni, COM(2003) 265 finali, kien adottat fil-15 ta' Mejju 2003. Fir-rapport innifsu ta' 20 paġna ma kienx possibbli li jsir rapport fid-dettall dwar l-implimentazzjoni fil-15-il Stat Membru. Madankollu, ir-rapport huwa bbażat fuq analiżi ddettaljata tal-implimentazzjoni, li turi li għad hemm ħafna nuqqasijiet fl-implimentazzjoni. Biex jitneħħew dawn in-nuqqasijiet, il-Kummissjoni tipproponi diskussjonijiet bilaterali mal-Istati Membri. Peress li dawn id-diskussjonijiet għandhom jiffukaw primarjament fuq il-liġijiet dwar il-protezzjoni tad-dejta nfushom u mhux fuq il-liġijiet l-oħra (speċjali) li jinkludu

wkoll dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tad-dejta, il-Kummissjoni, kif issemma iktar 'il fuq, irreġistrat ukoll l-ittra tal-petizzjonant tat-22 ta' Frar 2003 bħala lment, u bħala parti mill-proċedura dwar l-ilmenti, hija kitbet lill-awtoritajiet Ġermaniżi fl-14 ta' Ottubru 2003 b'talba uffiċjali għall-opinjoni tagħhom dwar din il-kwistjoni.

Ir-Rappreżentant Permanenti tal-Ġermanja wieġeb fil-11 ta' Diċembru 2003, fejn stqarr fil-qofol li jqis li l-ħażna tad-dejta dwar iċ-ċittadini tal-UE fir-reġistru ċentrali taċ-ċittadini barranin kienet kompatibbli mad-Direttiva 95/46/KE dwar il-protezzjoni tad-dejta, għax id-Direttiva ma kienx fiha projbizzjoni ġenerali dwar il-ħażna ta' dejta bħal din u, skont l-Artikolu 7(f) ta' din id-Direttiva, ħażna bħal din kienet meħtieġa. Waħda mir-raġunijiet ewlenin għal din il-ħtieġa kienet tabilħaqq biex wieħed ikun jista' jeżamina u jivverifika malajr l-istejtus tar-residenza tal-barranin, li jkun possibbli biss b'reġistru ċentrali. Jekk dejta dwar iċ-ċittadini tal-UE kellha tinħażen ukoll, din tista' ngħidu aħna tassigura li l-awtoritajiet jivverifikaw minnufih li ċittadin tal-UE jkollu permess tar-residenza tal-UE. Il-ħażna tassigura li l-istejtus preferenzjali jingħaraf malajr u jitqies. Ma tistax tkun limitata għall-każijiet li fihom ikunu ttieħdu miżuri kontra ċ-ċittadini tal-UE skont il-liġi dwar iċ-ċittadini barranin, peress li t-tħejjija u l-implimentazzjoni ta' miżuri bħal dawn spiss ikunu jeħtieġu preċiżament id-dejta li tista' tkun fornuta mir-reġistru ċentrali taċ-ċittadini barranin (ngħidu aħna d-data tal-ewwel dħul fil-pajjiż, l-awtorità pubblika rilevanti responsabbli għaċ-ċittadini barranin, eċċ.).

Il-Kummissjoni bħalissa qiegħda tistudja din ir-risposta fid-dettall.

**10. Risposta tal-Kummissjoni**, li waslet fl-20 ta' Ottubru 2005.

Il-Kummissjoni ntalbet tforni aktar informazzjoni dwar din il-petizzjoni.

Kif kien mistqarr fir-risposta addizzjonali l-aktar riċenti tagħha, il-Kummissjoni ddeċidiet fis-7 ta' Lulju li tibda l-ewwel stadju ta' proċeduri ta' ksur tal-liġi skont l-Artikolu 226 tat-Trattat li jistabbilixxi l-KE rigward din il-petizzjoni u l-ilment tal-petizzjonant dwar l-istess suġġett li bħalissa huwa pendenti quddiem il-Kummissjoni.

Ir-risposta tal-gvern Ġermaniż għall-ittra ta' avviż formali tal-Kummissjoni tad-9 ta' Lulju waslet għand l-unità rilevanti tal-Kummissjoni fl-20 ta' Ottubru. Din ir-risposta ta' 20 paġna bħalissa qiegħda tkun soġġetta għal analiżi bir-reqqa f'koperazzjoni ma' diversi dipartimenti oħra involuti tal-Kummissjoni, bil-għan li tittieħed deċiżjoni fir-Rebbiegħa tal-2005.

**11.** Risposta oħra tal-Kummissjoni, li waslet fis-7 ta' Mejju 2007.

Mill-aħħar komunikazzjoni tagħha, il-Kummissjoni ddeċidiet li tibgħat opinjoni motivata lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja talli naqset milli tissodisfa l-obbligi tagħha skont l-Artikoli 12, 17 u 18 tat-Trattat li jistabbilixxi l-KE u skont l-Artikoli 6 u 7(e) tad-Direttiva 95/64/KE[1] rigward il-ħażna tad-dejta personali taċ-ċittadini tal-UE fir-reġistru ċentrali Ġermaniż għall-barranin.

[1] Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta; ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31-50.

Il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-ħażna ġenerali u sistematika tad-dejta personali taċ-ċittadini tal-UE fir-reġistru ċentrali Ġermaniż għall-barranin immotivata b'mod partikulari bir-referenza għall-possibiltà ta' tkeċċija m'hijiex f'konformità mad-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar ir-restrizzjonijiet fuq il-libertà tal-moviment tal-persuni u mad-dispożizzjonijiet fid-Direttiva 2004/38 (li qabel kienet id-Direttiva 64/221/KEE). Fil-fatt, id-differenzi fit-trattament meta mqabbla maċ-ċittadini Ġermaniżi ma jistgħux ikunu ġġustifikati bir-referenza għall-possibiltà purament ipotetika ta' miżura ta' tkeċċija kontra ċ-ċittadini tal-UE.

Barra minn hekk, il-ħażna tad-dejta personali taċ-ċittadini tal-UE fl-AZR hi x'inhi l-imġiba personali tal-individwu la hija meħtieġa u lanqas proporzjonata skont l-Artikoli 6 u 7(e) tad-Direttiva 95/46/KE.

Fuq l-istess suġġett, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej irċeviet referenza għal deċiżjoni preliminari, skont l-ewwel u t-tieni paragrafi tal-Artikolu 234 tat-Trattat li jistabbilixxi l-KE, mill-Qorti Superjuri Amministrattiva tal-Land tar-Rhine-Westphalia tat-Tramuntana (Oberverwaltungsgericht für das Land Nordrhein-Westfalen)[1].

**12. Risposta oħra tal-Kummissjoni**, li waslet fis-7 ta' Marzu 2008.

Kif intqal fir-risposta addizzjonali l-aktar riċenti tagħha, il-Kummissjoni fis-27 ta' Ġunju 2007 bagħtet opinjoni motivata lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja talli naqset milli tissodisfa l-obbligi tagħha skont l-Artikoli 12, 17 u 18 tat-Trattat li jistabbilixxi l-KE u skont l-Artikoli 6 u 7(e) tad-Direttiva 95/46/KE[2] rigward il-ħażna tad-dejta personali taċ-ċittadini tal-UE fir-reġistru ċentrali Ġermaniż għall-barranin. Dwar l-istess kwistjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewrope rċeviet rinviju għal deċiżjoni preliminari, skont l-Artikolu 234 KE, mill-Qorti Amministrattiva Għolja għal- Land of North-Rhine-Westphalia (Oberverwaltungsgericht für das Land Nordrhein-Westfalen).[3] Is-smigħ orali quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewroej saru fit-8 ta' Jannar 2008.

Il-Kummissjoni qiegħda ssegwi dan il-każ li se jipprovdi gwida interpretattiva rilevanti għall-applikazzjoni xierqa tad-dispożizzjonijiet tad-Direttivi konċernati. M'hemmx bżonn li l-Kummissjoni tibdel il-pożizzjoni li kellha sal-lum. Fid-dawl tad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-Kummissjoni Ewropea se tkun f'pożizzjoni aħjar biex tevalwa l-pożizzjoni skont il-liġi Komunitarja.

[1] Każ C-524/06; ĠU C 56 tal-10.03.2007, p.19.

[2] Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta; ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31-50.

[3] Każ C-524/06; ĠU C 56 tal-10.03.2007, p.19

**13. Risposta oħra tal-Kummissjoni**, li waslet fit-30 ta' Jannar 2009.

Fil-Każ C-524/06[1] dwar l-istess suġġett bħal tal-petizzjoni tas-Sur Huber, il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja (Prim Awla) qatgħet is-sentenza fis-16 ta' Diċembru 2008:

> "1. **Sistema ta' pproċessar ta' dejta personali rigward iċ-ċittadini tal-Unjoni li mhumiex ċittadini tal-Istat Membru kkonċernat, bħal dik implementata mir-reġistru ċentrali tal-barranin (Gesetz über das Ausländerzentralregister) tat-2 ta' Settembru 1994, kif emendata mil-liġi tal-21 ta' Ġunju 2005, u li għandha bħala għan is-sostenn tal-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni fuq id-dritt ta' residenza ma tissodisfax ir-rekwiżit ta' neċessità previst mill-Artikolu 7(e) tad-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-24 ta' Ottubru 1995, dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta, interpretat fid-dawl tal-projbizzjoni ta' kull diskriminazzjoni bbażata fuq iċ-ċittadinanza ħlief:**
>
> > **– jekk tinkludi biss id-data neċessarja għall-applikazzjoni ta' din il-leġiżlazzjoni mill-imsemmija awtoritajiet u**
> >
> > **– jekk in-natura ċentralizzata tagħha tippermetti applikazzjoni iktar effettiva ta' din il-leġiżlazzjoni fuq id-dritt ta' residenza f'dak li jirrigwarda ċ-ċittadini tal-Unjoni li mhumiex ċittadini ta' dan l-Istat Membru**
>
> **Huwa f'idejn il-qorti nazzjonali biex taċċerta jekk dawk il-kundizzjonijiet humiex jiġu sodisfati fil-proċeduri ewlenin**
>
> **Iż-żamma u l-ipproċessar ta' dejta personali marbuta ma' ismijiet fil-kuntest ta' reġistru bħar-Reġistru Ċentrali ta' Barranin għal finijiet ta' statistika ma jistgħux jitqiesu bħala neċessarji fis-sens tal-Artikolu 7(e) tad-Direttiva 95/46 .**
>
> 2. **L-Artikolu 12(1) KE għandu jiġi interpretat fis-sens li huwa jipprekludi l-istabbiliment minn Stat Membru ta' sistema ta' pproċessar ta' dejta personali speċifika għaċ-ċittadini tal-Unjoni li mhumiex ċittadini ta' dan l-Istat Membru bil-għan ta' ġlieda kontra l-kriminalità.**"

Id-deċiżjoni tal-Qorti hija konsistenti mal-argumenti tal-Kummissjoni u l-Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali. Il-Kummissjoni se tistħarreġ is-sentenza mill-qrib meta tevalwa kif se tipproċedi bil-proċedura ta' ksur.

**14. Risposta oħra tal-Kummissjoni**, li waslet fit-12 ta' Lulju 2010.

Wara s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Każ C-524/06, l-awtoritajiet Ġermaniżi ppreżentaw risposti addizzjonali (17.7.2009, 16.3.2010) għall-opinjoni motivata fil-qafas tal-każ ta' ksur, li jikkunsidraw is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja u li jinformaw lill-Kummissjoni dwar l-emendi leġiżlattivi li għandhom jiġu adottati fil-livell nazzjonali biex ikun konformi ma' din is-sentenza u jippermettu l-għeluq tal-proċedura ta' ksur.

Il-Kummissjoni ntalbet għal darb'oħra mill-Kumitat għall-Petizzjonijiet tibgħat il-kummenti

[1] Każ C-524/06; ĠU C 56 tal-10.03.2007, p.19

rigward l-aħħar avvenimenti.

Il-kummenti tal-Kummissjoni dwar l-argumenti tal-petizzjonant fil-kuntest tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja C-524/06

Il-Qorti Amministrattiva Għolja għal-*Land* North-Rhine Westphalia rreferiet il-mistoqsijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja rigward il-kompatibilità tal-ipproċessar tad-data personali fi ħdan ir-reġistru ċċentralizzat Ġermaniż bil-projbizzjoni ta' kwalunkwe diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' nazzjonalità kif ipprovdut fl-Artikolu 12 tat-TUE kif ukoll mal-ħtieġa, stabbilita fid-Direttiva 95/46/KE, li l-leġittimità tal-ipproċessar tad-data personali tiddependi fuq jekk tali pproċessar huwiex meħtieġ għat-twettiq ta' missjoni ta' interess pubbliku jew għall-eżerċizzju ta' awtorità uffiċjali. Minħabba l-fatt li l-ambitu tal-applikazzjoni tad-Direttiva 95/46/KE ma jkoprix l-ipproċessar tad-data personali li tikkonċerna s-sigurtà pubblika, id-difiża, is-sigurtà tal-Istat, jew l-attivitajiet tal-Istat f'oqsma tal-liġi kriminali, il-Qorti tikkunsidra biss il-kompatibilità tal-ipproċessar tad-data bil-għan li tiġi applikata l-leġiżlazzjoni li tikkonċerna *d-dritt ta' residenza* u *għal skopijiet ta' statistika* fid-dawl ta' din id-direttiva, filwaqt li hija eżaminat il-kompatibilità tal-ipproċessar tad-data bil-għan tal-ġlieda kontra l-kriminalità mal-Artikolu 12 tat-TUE.

Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li d-dritt ta' residenza ta' ċittadin tal-Unjoni fit-territorju ta' Stat Membru li mhux tiegħu stess mhux mingħajr kondizzjoni, u jista' jkun suġġett għal limitazzjonijiet. Għaldaqstant, l-ipproċessar f'reġistru ta' data personali ċċentralizzat sabiex tiġi applikata l-leġiżlazzjoni li tikkonċerna d-dritt ta' residenza jissodisfa r-rekwiżit tal-ħtieġa fit-tifsira tad-Direttiva 95/46/KE *sakemm id-data meħtieġa għal dan l-għan biss tiġi pproċessata u n-natura ċċentralizzata tar-reġistru tippermetti li l-leġiżlazzjoni tiġi applikata b'mod aktar effettiv.*

Fir-rigward tal-ipproċessar tad-data *għall-finijiet ta' statistika*, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li l-Istati Membri huma intitolati li jadottaw miżuri biex jiżguraw l-aċċess għal tagħrif preċiż dwar il-movimenti tal-popolazzjoni fit-territorju tagħhom. Madankollu, hija tal-opinjoni *li tali statistiċi ma jeħtiġux il-ġabra u l-ħażna ta' informazzjoni individwalizzata bħal f'dan il-każ.* Tali pproċessar ta' data personali għaldaqstant ma jissodisfax ir-rekwiżit tal-ħtieġa fit-tifsira tal-Artikolu 7 (e) tad-Direttiva 95/46/KE.

Finalment, fir-rigward tal-ġlieda kontra l-kriminalità, il-Qorti tal-Ġustizzja indikat li l-għan huwa ffukat fuq il-prosekuzzjoni tad-delitti u r-reati kommessi, irrispettivament min-nazzjonalità ta' min iwettaqhom. Għaldaqstant, fir-rigward ta' Stat Membru, is-sitwazzjoni taċ-ċittadini tiegħu ma tistax tkun differenti minn dik taċ-ċittadini ta' Stati Membri oħra li huma residenti fit-territorju tiegħu stess. Ladarba r-reġistru Ġermaniż ma jinkludix id-data personali taċ-ċittadini Ġermaniżi, l-ipproċessar sistematiku tad-data personali li għandhom x'jaqsmu biss ma' ċittadini ta' Stati Membri oħra għall-iskop tal-ġlieda kontra l-kriminalità jikkostitwixxi diskriminazzjoni fuq il-bażi tan-nazzjonalità li hija projbita fl-Artikolu 12 KE. Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja segwiet l-osservazzjonijiet tal-Kummissjoni.

Fid-dawl tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-Kummissjoni kisbet kjarifiki dwar l-allegazzjonijiet li qajmet fl-opinjoni motivata fil-każ ta' ksur kontra l-Ġermanja.

Għandu jiġi nnutat li l-Qorti tal-Ġustizzja la teskludi l-ħtieġa tal-ipproċessar tad-data

personali taċ-ċittadini tal-Unjoni fir-Reġistru Ċentrali taċ-Ċittadini Barranin (AZR), u lanqas tikkonferma b'mod assolut il-ħtieġa inkondizzjonata tiegħu. Fl-aħħar mill-aħħar il-Qorti tħalliha f'idejn il-Qorti nazzjonali sabiex taċċerta jekk il-kondizzjonijiet li hija elenkat bħala meħtieġa li jiġu ssodisfati mill-AZR humiex f'konformità mal-Artikolu 12 tat-TUE u d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 95/46/KE.

Fid-dawl tal-konklużjonijiet tas-sentenza C-518/07, l-allegazzjoni mressqa fl-opinjoni motivata li l-ħażna ġenerali u sistematika ta' data personali taċ-ċittadini tal-UE fl-AZR, eżistenti b'mod addizzjonali mar-reġistri lokali li jinkludu ċ-ċittadini tal-UE u tal-Ġermanja bl-istess mod, ma tikkonformax mat-test tal-ħtieġa tal-Artikolu 7(e) tad-Direttiva 95/46/KE dwar il-protezzjoni tad-data flimkien mal-Artikolu 6 (1) (a), ma ġietx ikkonfermata bis-sħiħ mill-Qorti tal-Ġustizzja. Infatti, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li huwa f'idejn l-Istat Membru li juri li sistema ċentralizzata tal-ipproċessar tad-data personali a) tinkludi biss id-data meħtieġa għall-applikazzjoni minn dawk l-awtoritajiet ta' dik il-leġiżlazzjoni, u b) li d-data meħtieġa biss għal dan il-għan hija pproċessata u li n-natura ċċentralizzata tar-reġistru tippermetti li l-leġiżlazzjoni tkun applikata b'mod aktar effettiv.

Il-kummenti tal-Kummissjoni dwar l-argumenti tal-petizzjonant fil-kuntest tal-passi legali u amministrattivi li ttieħdu mill-Ġermanja bil-għan li tikkonforma mas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja C-524/06 (kontinwazzjoni tal-proċedura tal-ksur 2003/4327 bħala proċedura tal-Artikolu 260 TFUE)

*Azzjonijiet meħudha mill-Ġermanja bil-għan tal-konformità:*

*a) Ittra amministrattiva (ordni) mill-Ministeru Federali tal-Intern bid-data tat-12 ta' Frar 2009 fir-rigward tad-data tal-petizzjonant fl-AZR lill-Bundesamt għall-Migrazzjoni u r-Refuġjati (li jmexxi l-AZR) u fir-rigward ta' kwalunkwe data oħra taċ-ċittadini tal-UE*

L-ittra amministrattiva tistieden lill-awtoritajiet kompetenti japplikaw il-konklużjonijiet tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja mhux biss għall-petizzjonant iżda għaċ-ċittadini kollha tal-UE.

F'dan il-kuntest il-Kummissjoni tirreferi għall-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-każ C-162/99 *il-Kummissjoni vs. l-Italja*[1], punt 22:

*"It-tieni, wieħed għandu jżomm quddiem għajnejh li l-ħtieġa li jiġi żgurat li l-liġi tal-Komunità tiġi applikata bis-sħiħ teħtieġ mhux biss li l-Istati Membri jagħmlu l-leġiżlazzjoni tagħhom f'konformità mal-liġi tal-Komunità* ***iżda wkoll li jagħmlu dan billi jadottaw ir-regoli tal-liġi li jkunu kapaċi li joħloqu sitwazzjoni li tkun preċiża, ċara u trasparenti biżżejjed*** *sabiex jippermettu lill-individwi jkunu jafu d-drittijiet tagħhom bis-sħiħ u jinvokawhom quddiem il-qrati nazzjonali (ara, għal dan l-għan, fir-rigward tad-direttivi, Każ C-360/89 il-Kummissjoni v l-Italja [1991] Ġabra I-791, paragrafu 12, u Każ C-220/94 il-Kummissjoni v il-Lussemburgu [1995] Ġabra I-1589, paragrafu 10)."*

Fir-rigward tal-prattika amministrattiva, il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat fil-Każ C-367/98, *il-Kummissjoni vs. il-Portugall* [2], punt 41:

*"[...] Il-Qorti affermat b'konsistenza li l-inkompatibilità tad-dispożizzjonijiet ta' liġi nazzjonali mad-*

[1] Sentenza tat-18.01.2001.
[2] Sentenza tal-4.6.2002.

*dispożizzjonijiet tat-Trattat, anke dawk li japplikaw direttament, jistgħu jiġu eliminati biss b'mod definittiv permezz ta' dispożizzjonijiet domestiċi li jorbtu li jkollhom l-istess forza legali bħal dawk li jeħtieġu li jiġu emendati.* ***Sempliċi prattiċi amministrattivi, li min-natura tagħhom huma modifikabbli skont ir-rieda tal-awtoritajiet u ma jingħatawx il-pubbliċità xierqa, ma jistgħux jitqiesu li jikkostitwixxu t-twettiq korrett tal-obbigi ta' Stat Membru skont it-Trattat****, ladarba huma jżommu, fir-rigward tal-persuni kkonċernati, stat ta' inċertezza fir-rigward tal-portata tad-drittijiet tagħhom hekk kif iggarantiti permezz tat-Trattat (ara, partikularment, Każ C-151/94 Kummissjoni v Lussemburgu [1995] Ġabra I-3685, paragrafu 18, u Każ C-358/98 Kummissjoni v Italja [2000] Ġabra I-1255, paragrafu 17)."*

L-awtoritajiet Ġermaniżi infurmaw lill-Kummissjoni li b'riżultat ta' dan iċ-ċirkulari amministrattiv it-talbiet mill-awtoritajiet u l-korpi Ġermaniżi għall-aċċess għad-data maħżuna fl-AZR ġew miċħuda jekk il-kondizzjonijiet tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja ma ġewx issodisfati.

Fl-isfond tal-ġurisprudenza msemmija hawn fuq, il-Kummissjoni ma tikkunsidrax ittra amministrattiva maħruġa minn uffiċjali għolja ta' Ministeru federali bħala suffiċjenti biex jagħtu ċertezza legali liċ-ċittadini, ladarba l-leġiżlazzjoni dwar ir-reġistru ċentrali għall-barranin, li jinkludi d-dispożizzjonijiet li jiksru d-Direttiva 95/46/KE, għadha fis-seħħ.

*(b) L-emendi tad-dispożizzjoni amministrattiva li takkumpanja l-leġiżlazzjoni dwar ir-reġistru ċentrali għall-barranin (Allgemeine Verwaltungsvorschrift AVV zum AZR-Gesetz) biex tikkonforma mas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja*

Din l-emenda daħlet fis-seħħ fit-3 ta' Novembru 2009 u attwalment hija applikata fil-Ġermanja u tidher li hija f'konformità prima facie mas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja.

c) *Emenda tal-leġiżlazzjoni dwar ir-reġistru ċentrali għall-barranin (AZR-Gesetz)*
L-awtoritajiet Ġermaniżi ssottomettew skeda taż-żmien dettaljata għall-adozzjoni tal-emenda lill-Kummissjoni. Il-Ġermanja indikat ukoll li mhux biżżejjed li tiġi emendata sempliċiment din il-leġiżlazzjoni speċifika dwar ir-reġistru ċentrali iżda li hemm bżonn jiġi ddeterminat liema leġiżlazzjoni li hija marbuta mill-qrib mal-AZR għandha bżonn tiġi emendata wkoll.

Il-Ġermanja infurmat lill-Kummissjoni li minħabba l-elezzjonijiet Federali li saru fil-Ġermanja f'Settembru 2009 l-iskeda taż-żmien inizjali għall-adozzjoni - skont liema kellu jintlaħaq ftehim dwar abbozz ta' test mill-korpi kompetenti sa Awwissu 2009, l-elaborazzjoni tal-abbozz mill-Ministeru tal-Intern sa Novembru 2009, il-parteċipazzjoni tal-Länder sa Frar 2010 u d-deċiżjoni tal-Kabinett dwar il-proposta tal-gvern sa April 2010 u l-adozzjoni finali wara l-konsultazzjoni tal-Parlament u l-parlamenti tal-Länder sal-aħħar tal-2010 - ma tistax tinżamm.

Barra minn dan, il-Kummissjoni ġiet infurmata li l-Ġermanja teħtieġ li timplimenta l-konklużjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali Federali tagħha (Bundesverfassungsgericht) dwar iż-żamma tad-data li għandha effetti anke fil-kuntest tal-AZR.

Il-Kummissjoni kellha kuntatt mal-awtoritajiet Ġermaniżi u qed tistenna aġġornament dwar is-sitwazzjoni attwali rigward il-ħidma lejn l-adozzjoni tal-emendi tal-leġiżlazzjoni dwar ir-reġistru ċentrali dwar il-barranin.

Il-kummenti tal-Kummissjoni dwar l-argumenti tal-petizzjonant fil-kuntest tas-sentenza tal-Oberverwaltungsgericht Nordrhein-Westfalen tal-24 ta' Ġunju 2009 fil-każ tal-petizzjonant

Il-petizzjonant issottometta lment lill-qorti kompetenti fil-Ġermanja biex jikseb it-tħassir tad-data personali tiegħu (l-isem, id-data tat-twelid, in-nazzjonalità, l-istatus legali, is-sess, l-ewwel ġurnata tad-dħul tiegħu fil-Ġermanja, l-istatus tar-reġistrazzjoni, id-dettalji tal-passaport, il-kronoloġija tad-dħul u l-ħruġ lejn u 'l barra mill-Ġermanja fir-reġistru, in-numri tal-fajl tad-dettalji tiegħu u l-lista tal-korpi li trasferixxu d-data lir-reġistru ċentrali għall-barranin) fit-22 ta' Lulju 2000. It-talba tiegħu ġiet irrifjutata bid-deċiżjoni tal-Oberverwaltungsgericht Nordrhein-Westfalen tal-24 ta' Ġunju 2009.

L-Oberwaltungsgericht irriferixxa għall-konklużjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tiegħu u ġġustifika r-rifjut tat-tħassir tad-data billi wera li l-kondizzjonijiet tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja ġew issodisfati. Il-ġbir tad-data taħt l-AZR għaldaqstant kien konformi mas-sentenza. Minħabba li d-data tista' tiġi mħassra biss mill-AZR (skont il-leġiżlazzjoni AZR) jekk il-ħażna ma kinitx iġġustifikata jew jekk ħażna li inizjalment kienet legali saret illegali u ebda minn dawn iż-żewġ raġunijiet ma ġew issodisfati, it-talba għat-tħassir ġiet miċħuda.

F'dan il-kuntest il-Kummissjoni tirreferi għar-raġunament tal-Qorti tal-Ġustizzja f'C-524/06 fir-rigward tal-fatt *huwa neċessarju, għal Stat Membru, li jkollu fid-dispożizzjoni tiegħu informazzjoni u dokumenti rilevanti sabiex jivverifika*[1]*, fil-kuntest iddefinit mil-leġiżlazzjoni Komunitarja applikabbli, l-eżistenza ta' dritt ta' residenza fit-territorju tiegħu* [...]. Il-Qorti tal-Ġustizzja argumentat ukoll li *"madankollu, tali reġistru ma jistax jinkludi informazzjoni oħra għajr dik li hija neċessarja għal dan il-għan. F'dan ir-rigward, fl-istat attwali tad-dritt Komunitarju, l-ipproċessar tad-data personali li tirriżulta mid-dokumenti msemmija fl-Artikoli 8(3) u 27(1) tad-Direttiva 2004/38 għandu jitqies bħala neċessarju, fis-sens tal-Artikolu 7(e) tad-Direttiva 95/46 għall-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni fuq id-dritt ta' residenza."*[2]

Il-Kummissjoni attwalment qed tanalizza s-sentenza tal-Oberverwaltungsgericht bil-għan li tara l-kompatibilità tagħha mas-sentenza C-524/06.

Konklużjonijiet

Il-Qorti tal-Ġustizzja tat is-sentenza tagħha fil-każ C-524/06 fis-16 ta' Diċembru 2008 u huwa l-kompitu tal-Kummissjoni li tissorvelja l-implimentazzjoni ta' din is-sentenza. Il-Kummissjoni hija f'kuntatt regolari mal-awtoritajiet Ġermaniżi u qed tkompli tissorvelja mill-qrib it-tentattivi li saru mill-Ġermanja sabiex tibda tħaddem il-qafas legali sħiħ sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja C-524/06. Fid-dawl tal-ispjegazzjonijiet ta' hawn fuq, huwa ovvju li dan huwa kompitu kumpless. Il-Kummissjoni tispera li dawn it-tentattivi jagħtu l-frott. Madankollu, il-Kummissjoni tirriserva d-dritt li tieħu aktar passi skont l-Artikolu 258 tat-TFUE jekk dan ma jkunx il-każ.

[1] Punt 58 ta' C-524/06.
[2] Punt 59 ta' C-524/06.